**2 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.,**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina

*versus*

Emanuel Caruana et.

**Att tal-Akkuża — Nullità — Art. 583(c) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk l-akkużat jeċċepixxi n-nullità tal-att tal-akkuża peress illi l-fatti esposti fl-istess att ma jikkostitwux ir-reat dedott ta' tentattiv ta' serq ta' somma ta' flus, u ferm anqas ta' serq aggravat bil-valur, billi mill-att tal-akkuża ma jirriżultax illi kien hemm ebda somma ta' flus fil-post fejn huwa allegat li daħal l-akkużat bil-ħsieb li jisraq il-flus, dik l-eċċezzjoni mhux aċċettabbli. Għaliex, għalkemm il-Prosekuzzjoni setgħet tat dettalji aktar dwar il-flus li seta' kien hemm fil-post, b'dan kollu bil-kliem li hemm fil-premessi tal-att tal-akkuża, fis-sens li l-akkużat u oħrajn, wara li fformaw il-ħsieb li j'sirqu "u jieħdu somma ta' flus ta' aktar minn mitt lira" minn għand id-derubat, u aktar il-quddiem hemm il-kliem "illi l-akkużati qalu lid-derubat biex jagħtihom l-flus kollha li kellu", hemm biżżejjed biex ma jkunx hemm kontravvenzjoni fl-att tal-akkuża li tirrendieh null.*

Il-Qorti:— Rat l-eċċezzjoni tal-akkużat John Stivala, li biha eċċepixxa n-nullità tal-att tal-akkuża peress illi l-fatti esposti fl-istess att ma jikkostitwux ir-reat dedott ta' tentattiv ta' serq ta' somma ta' flus, u ferm anqas ta' serq aggravat bil-valur, billi mill-att tal-akkuża ma jirriżultax illi kien hemm ebda somma ta' flus fil-ħanut fejn huwa allegat illi daħal l-esponent bil-ħsieb li jisraq flus;

Rat ir-risposta tal-Attorney General, li biha oppona ruħu għall-eċċezzjoni tan-nullità tal-att tal-akkuża sollevata mill-akkużat Stivala;

Peress illi, għalkemm il-Prosekuzzjoni setgħet tat dettalji aktar dwar *il-flus li seta' kien hemm fid-dar,* b'dan kollu fil-kliem li hemm fil-premessi tal-att tal-akkuża, fis-sens li l-akkużati, wara li ffurmaw il-ħsieb li jisirqu "u jieħdu somma ta' iżjed minn mitt lira" minn għand Franġisk Bugeja, u aktar il-quddiem hemm il-kliem illi l-akkużati qalu lil Franġisk Bugeja "biex jagħtihom il-flus kollha li kellu", huwa biżżejjed biex ma jkunx hemm kontravvenzjoni għall-art. 583(c) tal-Kodiċi Kriminali;

*Tiċħad l-eċċezzjoni* tal-imsemmi akkużat.